## Apprezzament

# Suor Celestina Cini

### (1944 – 2012)

Theresa Cini twieldet fid-9 ta' Ġunju 1944. Id-disa' wild ta' Celestino Cini u Maria neè Dimech. Ħadet l-edukazzjoni primarja fl-iskola tal-Vajrinġa fir-Rabat, Għawdex. Ta' għaxar snin tilfet lil missierha Celest ta' 46 sena. Hija daħlet fil-kunvent ta' Pompei bħala novizza f'Jannar tal-1960, fl-età ta' 16-il sena. Sentejn u nofs wara jiġifieri f'Ġunju tal-1962, ħadet l-ewwel voti u fis-26 ta' Jannar 1966 ħadet il-voti perpetwi u biddlet isimha għal Suor Celestina. Wara ftit tax-xhur li kienet fil-kunvent ta' Santa Katerina f'Ħ'Attard Malta, Suor Celestina ġiet mibgħuta l-Ingilterra, f'Maryfield Convent, f'Hook Basingstoke. Ftit tas-snin wara hija nħatret superjura tal-kunvent ta' Barnet f'Londra fejn serviet għal ftit tas-snin. Wara ntbgħatet lura f'Hook fejn serviet bħala superjura sas-sena 1987. Matul dawn is-snin Suor Celestina ħadmet bil-bosta biex il-kunvent ta' Maryfield li kien ukoll dar tal-anzjani, jitkabbar sostanzjalment. Għamlet ukoll ħafna ħidma fil-parroċċa. F'Settembru tal-istess sena, Suor Celestina ġiet lura Malta fejn serviet fil-kunvent ta' Pompei, fil-kunvent ta' Trionfi fil-belt Victoria u wara f'Apap Institute f'Santa Venera. F'Marzu tal-1997, hija reġgħet marret f'Hook fejn serviet għal darba oħra fit-tmexxija tal-kunvent u tad-dar tal-anzjani. Kienet tieħu ħsieb ukoll l-amministrazzjoni tal-finanzi u affarijiet oħra relatati. Suor Celestina qatt ma reġgħet lura Malta ħlief biex tara lill-familja u tqatta' l-btala magħhom. Hija baqgħet l-Ingilterra sas-26 ta' April 2012 minn fejn ittajret lejn is-smewwiet nhar il-Ħamis 26 ta' April 2012.

